**16 ta' Frar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

David Mizzi

## Kalunja - Ħolqien Qarrieqi ta' Provi Foloz - Simulazzjoni ta' Reat

*Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (1) tal-Kodiċi Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruħu mill-kalunja verbali jew diretta kkontemplat fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-b'qerq, materjalment ħoloq, jew materjalment ġiegħel*

*li jidher li hemm, fatt jew ċirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew ċirkostanza tkun tista' tinġieb bħala prova kontra persuna oħra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wieħed ikollu l-ħsieb li jagħmel ħsara lil persuna oħra billi jagħmel mill-ġustizzja strument ta' inġustizzja kontra dik il-persuna l-oħra. Fi kliem ieħor, għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (1) mhux biżżejjed is-sempliċi kliem, miġjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz tagħhom wieħed dolożament jakkuża persuna quddiem awtorità kompetenti b'fatti ammontanti għal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innoċenti, iżda hu meħtieġ li jinħolqu traċċi jew indizji* ***materjali*** *bil-ħsieb li dawn ikunu jistgħu jintużaw kontra dik il-persuna.*

*Kwantu għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (2) - is-simulazzjoni ta' reat - dan, bħal fil-każ tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruħha meta wieħed bil-qerq joħloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi sempliċement li l-aġent ikun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Għalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-aġent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma seħħx. Is-sempliċi fatt li wieħed joqgħod fuq dak li jkun qallu ħaddieħor, mingħajr ma jkollu raġuni għaliex jaħseb li dak li qallu dak il-ħaddieħor ma kienx minnu, ma jwassalx għal dan ir-reat.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra David Mizzi talli, fit-8 ta' Awissu, 1994 għall-ħabta tal-11.30 a.m. (1) b'qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, u ċjoè ħsara volontarja fuq vettura tal-marka Hyundai, bin-numru H-3108, li kienet ipparkjata fi Triq Bronja, Żurrieq, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, u ċjoè Karmenu Farrugia, minn Ħal Kirkop, bil-ħsieb li b'hekk din il-

persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat; u (2) talli fl-istess data, lok u ħin iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat u ċjoè ħsara volontarja fil-karozza H-3108, li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Ottubru, 1995 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi David Mizzi ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu multa ta' tliet mitt lira (Lm300);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi David Mizzi, minnu ppreżentat fis-6 ta' Novembru, 1995, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu, brevement, is-segwenti: fit-8 ta' Awissu, 1994 l-appellant, flimkien ma' missieru Frans u ma ibnu Romeo, mar l-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq hu hemm irrapporta li ftit ħin qabel ċertu Karmenu Farrugia kien għamel ħsara volontarja permezz ta' flixkun u ta' ġebla fuq il-karozza H-3108 proprjetà ta' l-imsemmi missieru Frans Mizzi. L-appellant ma kienx ra b'għajnejh lil Farrugia jagħmel l-att, iżda, kif fisser mill-ewwel fl-għassa tal-pulizija u kif irriżulta mid-deposizzjoni tiegħu u ta' ibnu Romeo, hu kien straħ fuq dak li kien qal li ra l-istess Romeo. Ftit qabel ma' l-appellant kien mar l-għassa, kienet marret hemmhekk ukoll mart l-appellant - minnu separata *de facto* - u kienet irrapurtat li kienet hi li għamlet il-ħsara fil-vettura in kwistjoni, liema vettura hi qalet li hi tagħha u ta' żewġha (l-appellant). Fid-

deposizzjoni tagħha Carmen Mizzi tgħid li meta marret tħabbat il-bieb tad-dar ta' l-appellant biex tieħu t-tifel, l-appellant ma fetħitilhiex, anzi beda jiżżufjetta biha, u kien għalhekk li hi vvendikat ruħha fuq il-vettura;

Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif, a bażi tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, dik il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni ta' ħtija għar-rigward tar-reat ta; ħolqien qarrieqi ta' provi foloz. L-Ewwel Qorti jidher li waslet għall-konklużjoni tagħha ta' ħtija dwar iż-żewġ imputazzjonijiet prinċipalment fuq dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet;

"Illi jidher għalhekk li l-iskop li l-imputat akkuża lil Karmenu Farrugia bir-reat in kwistjoni kien wieħed purament ta' vendikazzjoni u tpattija l-għaliex, skond l-imputat, dan l-istess Karmenu Farrugia kien qed ikollu relazzjoni mill-qrib ma' martu Carmen;

Illi barra minn hekk, il-Qorti tara li l-imputat żbalja serjament meta akkuża lil dan Farrugia bir-reat in kwistjoni mingħajr ma kien hu li rah iwettqu, iżda, straħ, skond hu, kompletament fuq dak li jgħid li kien qallu ibnu. Il-provi fil-kawża huma abbundantement ċari li fil-mument meta sar it-tkissir fuq il-vettura in kwistjoni, dan Karmenu Farrugia ma kienx hemmhekk jew fil-viċinanzi tal-post. U għalhekk il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-imputat kellu motivi ulterjuri sabiex jakkuża lil din il-persuna b'dan ir-reat";

Ir-reat ikkontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 tal-Kodiċi Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruħu mill-kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-aġent ikun, b'qerq, materjalment ħoloq, jew materjalment ġiegħel li jidher li hemm bħala prova kontra persuna oħra. Kemm fil-kalunja diretta kif

ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wieħed ikollu l-ħsieb li jagħmel ħsara lil persuna oħra, billi jagħmel mill-ġustizzja strument ta' inġustizzja kontra dik il-persuna l-oħra. Fi kliem ieħor għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (1) mhux biżżejjed is-sempliċi kliem, miġjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezzz tagħhom wieħed dolożament jakkuża persuna quddiem awtorità kompetenti b'fatti ammontanti għal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innoċenti, iżda hu meħtieġ li jinħolqu traċċi jew indizji materjali bil-ħsieb li dawn ikunu jistgħu jintużaw kontra dik il-persuna. Issa, fil-każ in diżamina, ma hemm ebda prova li l-appellant ħoloq xi traċċi jew indizji materjali kif fuq imfisser. It-tkissir tal-*windscreen*, il-ġebla u l-flixkun ċertament ma ħoloqhomx hu - anżi, *ex admissis*, dawn it-traċċi materjali ħolqithom martu meta ddeċidiet li tagħmel ħsara fil-vettura;

Kwantu għar-reat ikkontemplat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 110- is-simulazzjoni ta' reat - dan, bħal fil-każ tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruħha meta wieħed bil-qerq joħloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar. Fil-każ in diżamina, kif diġà ngħad, b'ebda mod ma jista' jingħad li l-appellant ħoloq xi traċċi materjali ta' reat. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi sempliċement li l-aġent ikun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Għalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-aġent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma seħħx. Mill-brani tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, aktar 'il fuq riportati, mhuwiex ċar jekk l-Ewwel Qorti kinitx qed issib lill-appellant ħati għax dan kien jaf li r-reat ma seħħx u ried sempliċement jivvendika ruħu fil-konfront ta' Karmenu Farrugia (f'liema ipotesi kien proprjament jikkonfigura r-reat ta' kalunja skond l-artikolu 101), jew inkella għax straħ fuq dak li qallu ħaddieħor, ċjoè

ibnu. Ċertament is-sempliċi fatt li wieħed joqgħod fuq dak li jkun qallu ħaddieħor, mingħajr ma jkollu raġuni għaliex jaħseb li dak li qallu dak il-ħaddieħor ma kienx minnu, ma jwassalx għar-reat in diżamina. Mill-provi jirriżulta li meta l-appellant mar l-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq hu ħa miegħu lit-tifel u lill-pulizija qalilhom li dak li kien qed jirreferilhom kien qed jirreferihulhom a bażi ta' dak li kien qallu t-tifel. Mill-kumpless tal-provi ma jistax jingħad li ġie ppruvat sal-grad li trid il-liġi li l-appellant kien jaf li r-reat ma seħħx jew li t-tkissir ma sarx minn Karmenu Farrugia, il-fatt li meta mar jirrapporta l-Għassa tal-Pulizija kien jew seta' kien animat ukoll minn sens ta' vendikazzjoni u tpattija ma jfissirx neċessarjament li hu kien jaf li qed jiddenunzja reat li ma seħħx; dak l-istat ta' animu kien jammonta se mai biss għall-motiv ta' l-aġir tiegħu;

Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti tat importanza partikolari lis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha il-bejgħ tal-karozza in kwistjoni li l-appellant kien ipprova jagħmel lil missieru ġie ddikjarat bħala null u bla effett. Din is-sentenza, però, iġġib id-ata tal-5 ta' Ottubru, 1994; għalhekk fid-data ta' l-allegati reati meritu ta' dana l-appell - it-8 ta' Awissu, 1994 - hu plawsibbli li l-appellant kien għadu jemmen li l-karozza in kwistjoni kienet ta' missieru u mhux aktar tiegħu u ta' martu, kif ġie ddikjarat li minn dejjem kienet u baqgħet bis-sentenza tal-Prim'Awla msemmija;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tara li l-appell jimmerita li jiġi akkolt;

Konsegwentement, tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.